**QORTI TAL-APPELL**

**(Sede Inferjuri)**

**Onorevoli Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**

**B.A. Mag. Jur. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta tal-Gimgha, 8 ta' Novembru, 2019**

**Appell numru: 63/14**

**Wara sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Magistrati**

**datata 30 ta' Jannar, 2019**

**Melanie Zerafa (ID265078 (M)) f'isimha proprio u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' S & S Bathrooms Limited (C 28235)**

**vs.**

**Kummissarju tat-Taxxi u b'ordni tal-Qorti tas-17 ta' Frar 2016, jigi sostitwit bil-kliem "Direttur Generali (Dwana)"**

**Il-Qorti**

1. Illi dan huwa appell minn decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Magistrati datata 30 ta' Jannar, 2019 fejn gie deciz kif isegwi:

*'Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u tordna l-helsien immedjat tal-oggetti maqbuda mill-intimat kif sopradeskritti, bl-ispejjez kontra l-intimat.'*

2. Illi d-decizjoni appellata nghatat wara li l-appellati rikorrenti Melanie Zerafa f'isimha proprio u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' S & S Bathrooms Limited ressqet rikors fil-konfront tal-intimat Direttur Generali (Dwana) fejn ippremettiet:

*'Illi permezz ta' nota ta' qbid rilaxxjata mill-intimat nhar is-27 ta' Dicembru 2013 u li ghandha n-numru 2/2014 (kopja hawn annessa u mmarkata 'Dok. A'), l-intimat iddikjara maqbuda taht l-awtorita' tieghu l-merkanzija konsistenti f'720 Cartons Polished Tiles 6E001B Lands Ceramics 60 x 60 sm (1036.80sq mts) u dan peress li skont l-istess intimat l-oggetti de quo nstabu differenti minn dawk dikjarati fi zmien l-ezami mill-ufficcjali tad-dwana bi ksur tal-Art 61(1) tal-Ordinanza dwar id-dwana (Kap 37 tal-Ligijiet ta' Malta);*

*Illi rinfaccjata b'dan, l-esponenti fit-termini li trid il-ligi gharrfet lill-intimat permezz ta' ittra li qeghdha titlob lura l-oggetti maqbuda (kopja hawn annessa*

u mmarkata 'Dok B') filwaqt li ghaddiet sabiex tintavola l-odjerna procedura quddiem dina l-Onorabbli Qorti konfermement mad-dispozizzjonijiet tal-Art 72 tal-Kap 37;

Illi l-esponenti tirrispingi l-ordni tal-intimat surferita u dan ghas-segwenti ragunijiet:

1. Illi r-raguni principali ta' dan l-ilment hija li r-raguni tal-konfiska kif indikata fin-nota ta' qbid rilaxxjata mill-intimat hija wahda nfondata u mhux gustifikata;

2. Illi subordinament l-intimat ikkonfiska l-oggetti de quo a bazi tal-artikolu 61(1) tal-Kap 37 stante li allegatament dawk l-oggetti nstabu differenti minn dawk dikjarati. Fl-umli opinjoni tal- esponenti dan il-kaz ma jinvolvix oggetti differenti minn dawk dikjarati. Effettivament - oggetti dikjarati u l-oggetti li jiffurmaw il-konsenja relattiva huma l-istess u cioe' polished tiles. Dan il-fatt wahdu juri li l-konfiska li dwarha qed jittiehdu dawn il-procedimenti hija wahda nfondata;

3. Illi subordinatament jidher li l-oggetti gew konfiskati ghar-raguni li fuqhom minflok indikazzjoni tas-socjeta' estera GUANDONG GRIFINE CERAMICS CO. LTD li hija s-socjeta' li l-esponenti ordnat l-oggetti de quo minghandha, hemm indikazzjoni ta' socjeta' kummercjali ohra bl-isem GUANDONG LANDS CERAMICS CO LTD;

4. Illi subordinatament l-esponenti proprio qatt ma kellha tigi ccitata fl-ordni ghaliex il-ligi taghmel riferenza ghall-importatur (li f'dal kaz kienet is-socjeta'

*S & S Bathrooms Limited u l-agent) – u l-esponenti proprio la hi wahda u lanqas l-iehor;*

*Illi fl-ewwel lok jigi rilevat, b'riferenza ghal dak hawn qabel espost fil-paragrafu numru 3, li dan il-fatt wahdu ma ghandux ragonevolment jigi meqjus bhala fondament ghall-konfiska tal-oggetti de quo, fis-sens li l-fatt li fuq l-oggetti hemm indikazzjoni ta' socjeta' kummercjali differenti minn dik dikjarata mill-esponenti, ma jfissirx li l-oggetti nfushom huma differenti;*

*Illi fit-tieni lok u fi kwalunkwe kaz, jigi rilevat li dawn iz-zewg socjetajiet huma relatati ma' xulxin in kwantu li s-socjeta' GUANDONG LANDS CERAMICS CO. LTD hija sussidjara ta' jew altrimenti tappartjeni lis-socejta' GUANDONG GRIFINE CERAMICS CO LTD. Fil-fatt il-brands 'LANDS' hija wahda mill-brands tal-grupp ta' kumpanniji GRIFINE u l-oggetti de quo huma manifatturati mis socjeta' GUANDONG GRIFINE CERAMICS CO LTD u ppakkettjati gewwa kaxxi tal-brand 'LANDS'. Dan kollu jirrizulta minn dokument relattiv mahrug mis-socjeta' GUANDONG GRIFINE CERAMICS CO. LTD li kopja tieghu tinsab annessa u mmarkata 'Dok C';*

*Illi in oltre fic-cirkostanzi kif hawn esposti, ghal dan il-kaz ghandhom japplikaw ukoll id-dispozizzjonijiet tal-Art 61(2) TAL-Kap 37, biex b'hekk id-dispozizzjonijiet tal-Art 61(1) ma jghoddux stante li d-diskrepanza f'dan il-kaz tista' titqies li grat minhabba fi zball genwin, ossija li l-oggetti de quo gew ippakkettjati gewwa kaxxi li jindikaw socjeta' kummercjali differenti minn dik li mmanifatturat l-istess oggetti, li pero' kif hawn qabel espost huma relatati ma' xulxin. Ghall-fini ta' kjarezza jigi rilevat li t-test tal-Art 61(1) jipprovdi:*

*Jekk fiz-zmien tal-ezami minn ufficcjali tad-dwana xi oggetti jkunu jinsabu fi kwantita' aktar minn, jew differenti minn, dawk li jkunu jidhru fuq il-fattura tal-esportatur jew li jkunu dikjarati mill-importatrur jew mill-agent tieghu, f'dak il-kaz minkejja dak kollu li jinsab f'xi dispozizzjoni ohra ta' ligi, dawk l-oggetti li jinsabu zejda jew dawk l-oggetti differenti ghandhom jigu kkonfiskati u –*

*(a) Meta l-valur tal-oggetti li hekk jinsabu fi kwantita' akbar jew differenti jkunu ta' elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) jew aktar, dawk l-oggetti li jkunu gew hekk konfiskati ghandhom jitnehhew b'dak il-mod li l-Ministru responsabbli ghad-dwana jista' jistabilixxi; u*

*(b) Meta l-valur tal-oggetti li hekk jinsabu fi kwantita' akbar jew differenti jkunu nqas minn elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69), dawk l-oggetti li jkunu gew hekk konfiskati ghandhom jitnehhew hekk kif il-Kummissarju jista' jistabilixxi.*

*Din il-konfiska tkun bla hsara ghal kull azzjoni li tista' tittiehed kontra l-importatur jew l-agent tieghu, jew kontra t-tnejn, skont xi dispozizzjoni ohra tal-ligi.*

*Illi mill-banda l-ohra t-test tal-Art 61(2) jipprovdi illi:*

*Id-dispozizzjonijiet tas-subartikolu (1) ma ghandhomx jghoddu meta l-awtorita' kompetenti tkun sodisfatta li d-diskrepanza tkun grat minhabba fi zball genwin.*

*Illi tenut kont ta' dawk hawn qabel espost, l-esponenti tirrileva wkoll li s-socjeta' GUANDONG GRIFINE CERAMICS CO. LTD hija wahda ccertifikata ai termini tar-Regolament U.E. 258/2011 u ghalhekk ai termini tal-Art 1(2) tal-imsemmi Regolarment ir-rata ta' l-anti-dumping applikabbli ghaliha hija ta' 32.3%. Inoltre ai termini tal-Art 1(2) ghandhom japplikaw biss jekk tigi pprezentata rekwiziti ndikati fl-Anness II tal-imsemmi Regolament U.E. Fil-kaz odjern, u kif ser jigi ppruvat ulterjorment waqt is-smiegh tal-kawza, mill-fatturi relattivi jirrizulta li dawn ir-rekwiziti gew sodisfatti – kopja hawn anness u mmarkata 'Dok E'.*

*Ghall-finijiet tad-dispozizzjonijiet tal-Art 73(3) tal-Kap 37, minbarra diversi dokumenti in sostenn tal-odjerna talba, l-esponenti qeghdha wkoll tipprezenta lista tax-xhieda li behseibha tipproduci fil-mori tal-kawza;*

*Ghaldaqstant u in vista tal-premess l-esponenti titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna l-helsien tal-oggetti maqbuda mill-intimat kif sopradeskritti u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.'*

4. Rat illi permezz tar-risposta tieghu l-intimat, apparti l-eccezzjoni preliminari dwar min kellu jigi citat bhala ntimat, liema eccezzjoni giet sorvolata fil-mori, id-Direttur Generali (Dwana) qajjem ir-risposta segwenti:

*'2. Illi t-talbiet kif dedotti fir-rikors promotur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li huma nsostenibbli ai termini tal- provvedimenti tal-Kap 37 u 337 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghar-ragunijiet segwenti:*

*(2.1) illi l-fatti tal-kaz jikkoncernaw importazzjoni ta' 720 kartuna madum deskritti bhala 6E001Blands Ceramics – 60 x 60(1036.80 sq mts) mir-rikorrenti skont id-dikjarazzjoni li l-istess rikorrenti ghamlu mad-Dwana permezz tad-dokument datat 23 ta' Dicembru 2013 u li jgib in-numru ta' referenza TDID 2013602047861, flimkien ma' diversi supporting documents ohra kif titlob tali dikjarazzjoni ta' importazzjoni. Illi jirrizulta car mill-istess dikjarazzjoni doganali li kienet necessarja sabiex tigi mportata l-merkanzija in kwistjoni, li r-rikorrenti ddikjarat li kienet se timporta l-imsemmija madum dikjarati taht HS Code 690790800 B173 u li l-merkanzija kienet torigina mill-Guanngdong Grifine Cermaics Co Ltd fic-Cina li tattira rata ta' anti-dumping duty ta' 30.6%. Pero' irrizulta li effettivament meta l-ufficjali tad-Dwana li spezzjonaw fizikament il-merkanzija u vverifikaw mal-informazzjoni fid-dokumenti tal-imsemmija dikjarazzjoni skoprew li l-istess merkanzija kellha l-marka Lands li fil-fatt taqa' taht il-kodici B-999 li tattira rata ta' anti-dumping duty ta' 69.7%. B'rizultat ta' din id-dikjarazzjoni skoretta fir-rigward tal-HS Code li kellha tigi dikjarata u applikata ghall-hlas u rilaxx tal-istess merkanzija li originali mic- Cina, ir-rikorrenti kienu se jevadu l-anti-dumping duty u l-VAT relattiva fuqu kkalkulat fuq l-valur fuq l-imsemmi anti-dumping duty;*

*2.2 illi fir-rigward tal-allegazzjonijiet tar-rikorrenti fir-rigward tal-genwinita' tac-cirkostanzi odjerni, l-esponent jirribatti li c-cirkostanzi u l-provi tal-kaz juru li dan mhux minnu;*

*3. Illi ghalhekk a kuntrarju ta' dal li qed jigi allegat fir-rikors promotur, ic-cirkostanzi tal-kaz odjern certament jaqghu fl-ambitu tal-Artikolu 18 tal-Kap*

*37 li jikkoncerna dikjarazzjonijiet skorretti, bhal fil-kaz in ezami. Fil-fatt l-imsemmi Artikolu jipprovdi li:*

*"kull min jimporta jew igieghel li jigi importat ghalih,* ***koll b'oggetti li ma jaqblux mad-dikjarazzjoni taghhom,*** *jew direttament jew indirettament...., li fih oggetti ohra jew* ***oggetti suggetti ghal rata akbar jew ghall-ammont iehor ta' dazju divers minn dak li ghandu jithallas fuq l-oggetti ta' isem li bih dak il-koll jew l-oggetti ta' gewwa fih ikunu gew iddikjarati,*** *din il-persuna tehel ghal kull reat bhal dan, multa ekwivalenti ghal tliet darbiet l-ammont ta' dazju li ghandu jithallas fuq l-oggetti li jkunu jinsabu f'dak il-koll jew hames mija u tnejn u tmenin euro u erbgha u tletin centezmu (€582.34), skont liema jkun l-akbar, hekk li terz minn dak l-ammont ghandu jitqies bhala dejn civili addebitat u li jithallas lid-Dipartiment tad-Dwana..."*

*Ghalhekk id-dikjarazzjoni skoretta maghmula mir-rikorrenti saret bi ksur tal-Artikolu 61(1) tal-Kap 37;*

*(4) Illi d-decizjoni tal-esponent li jaqbad l-imsemmija merkanzija hija konformi mal-fatt li r-Regolament 258/2011 tal-Unjoni Ewropea jistipula rata ta' anti-dumping duty ghola fir-rigward ta' kumpanniji ohra li mhux espressament indikati f'Anness 1 tal-imsemmi Regolament;*

*(5) Illi l-argument tar-rikorrenti li Melanie Zerafa ma kellhiex tigi citata fin-nota ta' qbid li qed tigi kontestata huwa nfondat stante li hi l-unika direttrici kif ukoll is-segretarja u r-rapprezentant legali u guridika tal-kumpannija rikorrenti;*

*(6) Salv eccezzjonijiet ulterjuri, jekk ikun il-kaz.*

*Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet tar-rikorrenti; bl-ispejjez kontra taghhom.'*

4. Rat illi l-intimat Direttur Generali (Dwana) appella mis-sentenza u ressaq zewg aggravji kif isegwi:

i. 'L-aggravju ewlieni huwa dwar illi l-ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi.'
ii. 'It-tieni aggravju li huwa wkoll ancillari ghall-ewwel aggravju huwa dwar li l-Qorti ma pprovdietx dwar liema rata ta' *anti-dumping duty* ghandha tkun imposta.'

5. Rat illi l-appellata wiegbet ghall-appell billi sostniet illi d-decizjoni tal-ewwel Qorti hija gusta u timmerita li tigi konfermata. Insistiet fuq l-inappellabilita' tal-kaz stante li l-aggravji tal-appellant huma purament fuq l-apprezzament tal-provi mill-ewwel Qorti u mhux dwar xi punt ta' ligi. Dwar it-tieni aggravju tinsisti li la darba kulma kien hemm differenti fil-prodott kien l-ippakkeggjar u mhux il-prodott per se per konsegwenza skont l-appellata l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet sew li ma ordnatx li jithallas anti-dumping duty oghla ta' 69.7%.

Ghaldaqstant talbet li din il-Qorti tal-Appell tichad l-appell odjern u tikkonferma d-decizjoni appellata.

6. Semghet it-trattazzjoni tal-appell tal-partijiet fis-seduta tal-21 ta' Gunju, 2019 u ddiferiet l-appell ghad-decizjoni ghal-lum.

Rat l-atti kollha.

**Konsiderazzjonijiet**

7. Illi l-ewwel Onorabbli Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li kkunsidrat kif isegwi:

***'Provi***

***Melanie Zerafa**, a folio 43 tal-process, xehdet illi l-kumpanija S&S Bathrooms, li tagħha hija direttriċi, importat erba' konsenji ta' madum mic-Cina mill-kumpanija bl-isem Grifine Ceramics Co Ltd. Hija xehdet li normalment il-madum hekk importat ikun immarkat bid-ditta Grifine. Meta l-merkanzija waslet Malta u nfetħu l-kaxxex fil-prezenza tal-fizzjal tad-dwana, irrizulta illi fuq il-madum kien hemm miktub 'Lands' u ma kienx hemm il-marka ta' 'Grifine'.*

*Ir-rikorrenti Melanie Zerafa xehdet ukoll a folio 148 tal-process dwar il-proċedura li l-kumpanija S&S Bathrooms tadopera meta hija tordna materjal barra mill-Ewropa. Il-kumpanija estera tati d-dokumentazzjoni lilha, u hi mbagħad tgħaddi din id-dokumentazzjoni tal-merkanzija mportata lill-ufficcjali tad-dwana. Jekk l-ufficjali tad-dwana jħossu l-bzonn, huma jagħmlu*

*spezzjoni. Bħala mportatur hija tuza code li tingħata mill-fabbrika li timmanifattura l-madum barra minn Malta.*

***Joseph Chetcuti****, a folio 62 tal-process, Direttur Generali fid-Dipartiment tad-Dwana, xehed dwar il-procedura tal-istripping, fejn jintghazel persentagg zgħir mill-merkanzija li tigi mportata b'mod elettroniku u mingħajr intervent manwali, sabiex din tigi spezzjonata, bħalma ġiet spezzjonata l-merkanzija mertu tal-kawza. Dan ix-xhud ipprezenta ukoll dokument (Dok. JC1, a folio 65 tal-process) li juri l-entries li saru mis-socjeta' rikorrenti dwar merkanzija mportata mic-Cina.*

*Illi b'nota guramentata tad-Direttur Generali tad-Dwana, a folio 105 tal-process, huwa ddikjara illi l-kumpanija 'Guangdong Grifine Ceramics' qegħdha fil-lista ta' kumpaniji ezentati mill-ħlas parzjali ta' 'anti-dumping duty' u li huma ndikati fil-lista ta' kumpaniji li huma eliġibbli għall-ezenzjoni maħruga mill-Kummissjoni Ewropea. Mill-ispezzjoni tal-merkanzijairrizulta illi l-merkanzija mportata kellha fuqha l-marki ta' kumpanija oħra, u cioe' l-isem ta' Lands Ceramics, li mhux eligibbli għal din l-ezenzjoni mill-'anti-dumping'.*

***Maria Santucci*** *, a folio 115 tal-process, xehdet bl-affidavit illi flimkien mal-kollega tagħha hija marret fil-maħzen tas-socjeta' rikorrenti S&S Bathrooms Ltd sabiex jagħmlu verifiki fuq il-'container' importat. Huma kienu fetħu l-'container' u meta ezaminaw il-merkanzija rrizultalhom illi l-madum kien ippakkjat ġo kaxex b'marki ta' manifattur different , kif ukoll irrizultalhom illi l-madum kellu ukoll marki ta' manifattur differenti (Dokumenti MS 9 u 10, a folio 126 u a folio 127 tal-process).*

*Ir-ragel tar-rikorrenti Melanie Zerafa,* ***Carlos Zerafa****, a folio 146 tal- process, xehed hekk '"jiena ma' Griffin kelli x'naqsam....Ma ngibx xogħol mingħand l-Lands jiena'.*

***Sottomissjonijiet tal-partijiet***

*Illi r-rikorrenti Melanie Zerafa ma kellhiex tiġi ċitata fl-avviż maħruġ mill-intimat għaliex il-kumpanija rikorrenti kienet l-importatu. r Jissotomettu ukoll illi dejjem kien hemm il-buona fede min-naħa tar-rikorrenti u ma kien hemm ebda ntenzjoni ta' evazjoni ta' dazju u taxxa mir-rikorrenti.*

*Is-socjeta' rikorrenti nnegozzjat mas-socjeta' Guandong Grifine Ceramics Limited. Meta giet analizzata l-merkanzija mertu tal-kawza mill-fizzjali tad-dwana, irrizulta illi l-kaxxex kellhom fuqhom l-isem Lands Ceramics. Is-soċjeta' rikorrenti tirreferi għall-artikolu 61 (2) u tgħid li hawn si tratta minn zball genwin. Tgħid li l-importatur innegozzja ma' Guandong Grifine Ceramics Limited li tikkwalifika għall-ezenzjonijiet mill-Unjoni Ewropea, pero' sussegwentament irrizulta illi ntbagtet merkanzija bi brand name differenti Guandong Lands Ceramics Limited.*

*Illi fuq l-importazzjoni in kwistjoni is-soċjeta' rikorrenti kienet iddikjarat skorrettement it-tariffa ta' klassifikazzjoni bħala 6907908000 B173, liema rata ta' dazju ta' importazzjoni tal-merkanzija in ezami hi abbinata ma' ħlas ta' anti dumping duty ta' 30.6% tal-valur tal-merkanzija mportata. Meta l-ufficcjali tad-Dwana ezaminaw fizikament il-madum in kwistjoni rrizulta illi l-parti mill-madum kellu l-marka Lands Ceramics, li għalhekk kellu jiġi dikjarat bil-kodiċi doganali addizzjonali ta' B999 li jattira rata ta' 'anti-*

*dumping duty' ta' 69.7% ad valorem.*

*Illi Lands Ceramics mhix specifikata fil-lista ta' kumpaniji Cinizi li jimmanifatturaw madum li huma eligibbli sabiex il-prodotti tagħhom iħallsu r-rata ta' anti dumping duty ridotta ta' 30.6% minflok bir-rata ogħla ta' 69.7%. Illi mill-verifiki li għamel l-intimat, irrizulta illi l-manifattur Lands Ceramics mhux inkluz fil-lista ta' prodotturi Cinizi li għandu arrangament fiskali mal-Unjoni Ewropea fejn igawdu eżenzjoni parzjali ta' 'anti dumping duty'.*

*Illi r-rikorrenti Melanie Zerafa bħala direttur tal-kumpanija mportatrici S&S Bathrooms Ltd ma tistax tabdika mir-responsabbilitajiet tagħha stante li bħala Direttur hija responsabbli għal kwalunkwe dikjarazzjoni li tigi sottomessa mill-kumpannija mportarici lid-Dwana.*

***Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti.***

*1. Illi din il-kawza qed issir a tenur tal-Artikolu 72 u 73 tal-Ordinanza dwar id-Dwana u r-rikorrenti jitolbu illli l-Kontrollur tad-Dwana jigi ordnat jehles u jirrilaxxja l-merkanzija proprjeta' tal-istess rikorrent.*

*2. Illi f'dan il-kaz l-intimat hareg in-nota ta' Qbid (ara a folio 6 tal-process) fil-konfront tar-rikorrenti a bazi tal-artikoli 61(1) tal-Kap. 37, u cioe li l-merkanzija kienet differenti minn dak li jkun jidher fuq il-fattura tal-esportatur.*

*3. Illi l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-intimat li l-intimat Kummissarju tat-Taxxi mhux il-legittimu kontradittur ġiet sorvolata fis-seduta tas-17 ta' Frar*

*2016 – a folio 49 tal-process - u l-isem Kummissarju tat-Taxxi gie sostitut bil-kliem Direttur Generali (Dwana). Għalhekk ma hemm bzonn jingħad xejn iktar f'dan ir-rigward.*

*4. Illi fir-rigward ta' paragrafu 4 tar-rikors tar-rikorrenti, fejn din tippremmetti illi r-rikorrenti Melanie Zerafa ma kellhiex tigi citata fl-ordni f'isimha proprio, jirrizulta illi n-Nota ta' Qbid bin-numru 2/2014 – a folio 6 tal-process - inħarget f'isem id-direttrici Melanie Zerafa fil-vesti tagħha personali kif ukoll fil-kwalita' tagħha ta' direttur ta' S&S Bathrooms. Din il-Qorti tosserva illi l-fattura għall-merkanzija mertu tal-kawza – a folio 10 tal-process - inħarget fuq isem is-socjeta' S&S Bathrooms Ltd biss, u mhux fuq isem ir-rikorrenti f'isimha proprio. B'hekk jingħad illi n-nota ta' qbid kellha tinħareg fuq l-isem li jidher fuq il-fattura u cioe' S&S Bathrooms Ltd biss.*

*5. Dwar il-mertu jingħad illli r-rikorrent qegħdin jikkontestaw in-nota ta' qbid ghar-ragunijiet indikati fir-rikors, u cioe' illi minkejja li hemm indikat fuq il-merkanzija isem ta' socjeta' kummercjali differenti minn dik dikjarata mir-rikorrenti ma jfissirx li l-merkanzija mportata hija differenti, anzi l-merkanzija dikjarata u dik importata hija l-istess u cioe' polished tiles; illi l-merkanzija giet konfiskata peress li fuq l-merkanzija hemm l-isem 'Lands' minflok 'Grifine'. Huma jgħidu illi s-socjeta' Lands Ceramics Co Ltd hija sussidjarja ta' Grifine Ceramics Ltd u finalment jgħidu ukoll illi għandu japplika l-artikolu 61(2) tal- Kap 37, peress illi hawn si tratta minn zball genwin.*

*6. Tibda sabiex issir riferenza għas-sentenza relevanti għal din il-kawza*

*odjerna tal-***Prim Awla datata 12 ta' Marzu, 2013 Rikors Numru. 1338/2010 Michael Mangion u martu Denise Mangion ghal kull interess li jista' jkollha vs Il-Kontrullur Tad-Dwan***a, fejn gie ritenut hekk – a folio 11 - Qabel ma' dina l-Qorti tibda biex tiddetermina jekk effettivament kienx hemm il-ksur allegat tad-disposizzjonijiet invokati mill-intimat biex jiggustifika l-qbid, il-Qorti tirrileva li dwar intenzjoni, il-Qrati taghna jikkunsidraw ic-cirkostanzi kollha tal-kaz sabiex jiddeciedu kienx hemm ksur tar-regolamenti, u m'ghandhomx japplikaw l-istess b'mod robotiku minghajr ma jqisu l-komportament ta' dak li jkun. Biex wiehed jiddeciedi jekk gewx vjolati jew le d-disposizzjonijiet tal-ligi, irid jitqies l-agir tal-allegat vjolatur, tant li l-Qorti tal-Appell fil-kawza Camilleri vs Kontrollur tad-Dwana, deciza fit-13 ta' Mejju 1985, kienet osservat li l-konfiska ma toperax f'kaz ta' negligenza jew zball genwin, u li hemm bzonn l-element intenzjonali biex topera l-konfiska. Fil-fatt, l-artikolu 61 tal-imsemmija Ordinanza, li titkellem fuq konfiska f'kaz li tkun tirrizulta diskrepanzi fil-kwantita' tal-oggetti mportati, jew fil-valur tal-istess, fis-sub-artikolu (2) jipprovdi li m'ghandux ikun hemm din il-konfiska jekk ikun jirrizulta li "d-diskrepanza tkun giet minhabba fi zball genwin." Biex jigi konstatat jekk kienx hemm "zball genwin", trid issir analizi tal-komportament kollu tal-importatur, biex il-Qorti tkun tista' tara jekk, fil-fatt, l-allegat ksur tad-dispozizzjonijiet tal-ligi kienx wiehed intenzjonali jew le".*

*7. In linea mas-sucitat tagħlim guridiku, din il-Qorti sejra tezamina c-cirkostanzi kollha tal-kaz sabiex jigi stabbilit jekk hawn si tratta minn zball genwin kif jallegaw ir-rikorrenti, billi tezamina jekk jirrizultax dak l-element intenzjonali fil-ksur tal-ligi da parti tal-importatur meħtieg sabiex ikun hemm*

*il-konfiska.*

*8. Illi, wara li ezaminat il-provi kollha prodotti, jirrizulta din il-Qorti illi ma sarx xi tentattiv ta' evazjoni ta' hlas ta' taxxa jew dazju da parti tar-rikorrenti. Minkejja illi jirrizulta illi l-isem kif jidher fuq il-polished tiles importati huwa differenti mill-isem kif dikjarat, mill-fattura (a folio 10 tal-proċess) jirrizulta illi din inħarget minn Guandong Grifine Ceramics Co Ltd. Fuq din l-informazzjoni, ir-rikorrenti nizzlu fid-dikjarazzjoni doganali li huma mportaw merkanzija li torigina minn Guandong Grifine Ceramics Ltd, (li tattira rata ta' anti dumping duty ta' 30.6%)*

*9. In oltre, jirrizulta illi r-rikorrenti dejjem innegozzjaw mas-socjeta' Guandong Grifine Ceramics Co Ltd u mhux mas-socjeta' Guandong Lands Ceramics Co Ltd. Carlos Zerafa, a folio 146 tal-process, xehed hekk 'Jiena ma' Griffin kelli x'naqsam....Ma ngibx xogħol mingħand l-Lands jiena'.*

*10.Melanie Zerafa, a folio 149 tal-process, xehdet hekk: aħna naħdmu ma' din il-kumpanija biss mic-Cina u ovvjament naħdmu magħha għax l-anti dumping duty qiegħed inqas minn ta' kumpaniji oħra. A folio 157 tal-process ir-rikorrenti reggħet xehdet illi hija dejjem innegozzjat biss ma' Guandong Grifine Ceramics Co Ltd. B'hekk jingħad illi wieħed jifhem illi ir- rikorrenti kienu genwiment taħt l-impressjoni li la darba huma qed jinnegozjaw mas-socjeta' Guandong Grifine Ceramics Co Ltd, il-madum kien ser ikun tagħha.*

*11. Minn dan ta' hawn fuq, din il-Qorti hija moralment konvinta illi hawn si tratta minn zball genwin. Mill-fattura li torigina minn Guandong Grifine Ceramics Co Ltd. u mill-fatt illi r-rikorrenti dejjem innegozzjaw ma'*

*Guandong Grifine Ceramics Co Ltd. jirrizulta illi r-rikorrenti genwinament kienu taħt l-impressjoni li l-madum ikkonsenjat u mertu ta' din il-kawza kien jorigina minn Guandong Grifine Ceramics Co Ltd. li hija fil-lista approvata mill-Kummissjoni Ewropea sabiex tigi ezentata minn ħlas ta' anti dumping duty fuq il-prodotti tac-ceramika esportati lejn l-Unjoni Ewropea, u ma jirrizulta xejn illi seta' ta lir-rikorrenti x'jifhmu illi dan il-madum mertu tal-kawza kien jorigina mill-kumpanija Guandong Lands Ceramics Co Ltd.*

*12. B'hekk jingħad illi huwa verosimili dak li jgħidu r-rikorrenti u cioe' illi d-diskrepanza grat minħabba zball genwin, u għalhekk għall-kaz odjern għandu jappika l-artikolu 61(2) tal-Kap 37.'*

Konsegwentement l-Ewwel Onorabbli Qorti ghaddiet sabiex tilqa' t-talba attrici kif gia suespost.

8. Illi l-aggravji mqajjma mid-Direttur appellant jirrizulta, kif isostni hu stess fl-appell, li huma allaccjati stante li l-ewwel wiehed jikkontendi li fuq bazi ta' fatti l-Ewwel Onorabbli Qorti ma kellhiex issib li kien hemm zball genwin izda permezz tat-tieni aggravju jinsisti li anki fil-kaz tal-izball genwin allura l-Qorti kellha tiddikjara liema 'anti-dumping' duty kellu japplika fil-kaz odjern qabel ma tigi rilaxxata l-merkanzija in kwistjoni lura lill-appellata.

9. Illi din il-Qorti regghet gharblet fid-dettal il-provi kollha mressqa quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti u jirrizultalha li l-ewwel Qorti

qabel ma waslet ghall-konlkuzjoni taghha li l-importazzjoni ta' madum ta' kumpanija differenti minn dik dikjarata kien zball genwin hadet konjizzjoni tal-fatturi principali segwenti:

(i) Illi r-rikorrenti ma tinnegozja ma' l-ebda kumpanija ohra fic-Cina ghajr il-kumpanija Guandong Grifine Ceramics Co. Ltd u dan taghmlu appuntu stante li din il-kumpanija tgawdi minn rata ta' anti-dumping anqas cioe' dik ta' 30.6%;

(ii) Illi r-rikorrenti ordnaw il-merkanzija minghand il-kumpanija Guandong Grifine Ceramics Co. Ltd. u bl-ebda mod ma tressqu xi provi sodisfacenti fil-ligi biex jippruvaw li r-rikorrenti kellhom l-intenzjoni li jordnaw merkanzija minghand kumpanija ohra u nizzlu isem il-kumpanija Guandong Grifine Ceramics Co. Ltd sabiex jevadu xi taxxi;

(iii) Illi l-ewwel Qorti ghalkemm hadet ukoll konjizzjoni tal-fatt li mhux biss l-ippakkeggjar kien juri kumpanija ohra izda l-istess madum (kif irrizulta anki mir-ritratt a 126) kien jindika fuqu l-kelma 'Lands' b'referenza ghall-kumpanija l-ohra (kif ammess fix-xhieda tal-istess appellata Melanie Zerafa), xorta wahda qieset li da parti tar-rikorrenti dan kien biss zball genwin.

Illi din il-Qorti hija sodisfatta li dak li qed jitlob l-appellant fl-ewwel aggravju tieghu huwa purament aprezzament mill-gdid tal-provi

prodotti quddiem l-ewwel Qorti. Mill-provi kollha fl-atti din il-Qorti ma sabet xejn manifestament zbaljat fl-apprezzament tal-provi da parti tal-ewwel Qorti li jwassal jew jiggustifika li din il-Qorti tvarja l-konkluzjonijiet milhuqa mill-ewwel Qorti, li kellha l-opportunita' li hi tisma' x-xhieda u tanalizza dal vivo l-kredibilita' tal-istess xhieda, opportunita' li din il-Qorti bhala Qorti tat-tieni grad ma kellhiex. In oltre din il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni tal-ewwel Qorti li l-provi sal-grad rikjest mil-ligi jwasslu ghall-konkluzjoni li probabbilment dak li sehh kien rizultat ta' zball genwin w'ghalhekk il-konkluzjoni tal-ewwel Qorti hija gusta u timmerita li tigi konfermata. Ghalhekk ser tghaddi sabiex tichad l-ewwel aggravju.

10. Illi konsegwentement permezz tat-tieni aggravju tieghu d-Direttur isostni li f'cirkustanzi tal-konferma tal-izball genwin l-ewwel Qorti kellha tindika liema rata ta' 'anti-dumping duty' kellu japplika ghall-merkanzija in kwistjoni.

Illi mill-atti u mid-decizjoni tal-ewwel Qorti jirrizulta bic-car li l-merkanzija in kwistjoni giet immanifatturata minn kumpanija li ma tgawdix ir-rata aktar baxxa ta' 'anti-dumping duty' (cioe' Lands Ceramics kif inciz fuq l-istess madum) ghall-kuntrarju ta' dik li minn ghandha r-rikorrenti appellati kien minghalihom li gej il-prodott. F'dawn ic-cirkustanzi l-ewwel Onorabbli Qorti naqset fid-decizjoni taghha fejn wara li ordnat ir-rilaxx tal-merkanzija in kwistjoni ma tatx provvedimenti dwar ir-rata ta' 'anti-dumping duty' applikabbli

nonostante li kienu r-rikorrenti stess li talbu li r-rilaxx isir 'taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni' l-istess Qorti.

Illi ghaldaqstant in vista tal-konsiderazzjonijiet suesposti din il-Qorti tqis li t-tieni aggravju tal-appellant huwa gjustifikat u ser tghaddi sabiex tilqghu fis-sens li r-rilaxx tal-merkanzija in kwistjoni huwa suggett ghall-hlas ta' rata ta' anti-dumping duty ta' 69.7% u mhux ir-rata aktar baxxa ta' 30.6%.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti, din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' w'tiddecedi l-appell interpost kif isegwi:

1. Tichad l-ewwel aggravju tal-appellant;

2. Tilqa' t-tieni aggravju tal-appellant u filwaqt li tikkonferma d-decizjoni appellata tghaddi sabiex tirriformaha limitatament billi zzid mad-decizjoni appellata fl-ismijiet premessi illi 'l-helsien immedjat tal-oggetti maqbuda mill-intimat' huwa suggett ghall-hlas ta' 'anti-dumping duty' ta' 69.7% fuq il-merkanzija in kwistjoni mir-rikorrenti appellata lid-Direttur appellant.

L-ispejjez tal-prim'istanza jibqghu kif decizi mill-Ewwel Onorabbli Qorti filwaqt li l-ispejjez tal-appell odjern ghandhom jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Imhallef

(ft.) Maureen Xuereb
Deputat Registratur

Vera kopja

D/Registratur